GĦAXAQ

**Minuti tal-laqgħa Nru. 23 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li ġiet imsejħa b'urġenza bi qbil li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Gimgha 6 ta' Awwissu 2010 fis-2.00pm.**

| **<u>Preżenti</u>** | **<u>Il-Membri</u>** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |

Uffiċċjali

| | |
|---|---|
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Ħaddiema mal-Kunsill.

**1. Ħaddiema mal-Kunsill**

Is-Segretarju bdiet biex qalet li kull deċiżjoni li tittieħed trid tkun għaddiet mill-laqgħa tal-Kunsill u ħadd ma' jista' jieħu deċiżjonijiet waħdu.

It-tieni ħaġa kienet li ħadd ma' għandu jgħaddi nformazzjoni barra mill-Kunsill qabel ma' din tkun diskussa u maqbula wara li tkun approvata mill-Kunsill.

Is-Segretarju qalet li din il-laqgħa saret għax sar għaġir mhux aċċettabbli minn naħa tal-ħaddiema tal-ħabs li huma assenjati mal-Kunsill u li kienu akkumpanjati mill-Kunsillier Attard.

Is-Segretarju kompliet tgħid li dan sar meta hi kienet qeda l-uffiċċju u ċemplet persuna tistaqsi għas-Sindku, u minħabba li s-Sindku ma kienx preżenti staqsiet jekk tistax tgħinu hi. Il-persuna fuq in-naħa l-oħra tat-telefon qalet hekk "Jekk tridu ritratt għal fuq il-fuljett tal-Kunsill intikom wieħed jien". Is-Segretarju għal dan il-kliem staqsiet x'ritratt hu, u l-persuna wieġbet "ritratt tal-ħabsin li ġibtu bin-nisa u tfal bil-borma quddiemhom jieklu fuq il-ħajt qishom qegħdin il-baħar". Għal dan il-kliem is-Segretarju irringrazzjat lil din il-persuna u minħabba li s-Sindku ma kienx preżenti marret hi fuq il-post fejn kienu qed jaħdmu l-ħabsin. Is-Segretarju qalet li dak kollu li ntqal minn dik il-persuna fuq it-telfon kienu minnu għax x'ħin marret fuq il-post sabet żewġ nisa, raġel, żewġt itfal flimkien ma' tnejn mill-ħabsin jieklu minn borma fuq il-ħajt. Għal dan is-Segretarju resqet fuq il-ħabsin u staqsithom jekk jafux x'inhuma jagħmlu, u qaltilhom li lanqas suppost ikellmu l-ħadd skond l-ordnijiet tad-Direttur tal-ħabs aħseb u ara jagħmlu li kienu qed jagħmlu. Is-Segretarju qaltilhom ukoll li ma kienetx se terfa' responsabilita' ta' dak li kienu qed jagħmlu. Għal dan il-kliem il-ħabsin wieġbu li jekk jinqala' xi ħaġa iwieġbu huma u komplew jieklu bil-preżenza tal-familjari tagħhom. Il-Kunsillier Attard hawnhekk beda jgħid li ma jemminx lis-Segretarju b'dak li kienet qegħda tgħid u staqsa min kien dak li ċempel. Is-Segretarju qalet li dan żamm ruħu anonimu, il-fatt hu li dak li qal kien qiegħed isir.

Ġara ukoll li minħabba li s-Sindku kien qalilhom li setgħu jixtru li jridu biex jieklu minn ħanut fil-qrib, meta żewġ kunsilliera ġew il-Kunsill is-Segretarju għarrfithom b'dan u l-Kunsilliera qalu li waqt laqgħa tal-Kunsill ġie deċiż li dawn jingħataw ħobża w ilma, għaldaqstant is-Segretarju waqt li kienet qed tkellem il-ħabsin qaltilhom ukoll li minħabba li nqalgħet problema żgħira sa kemm terġa' tgħidulhom għalissa ma jibqgħux jixtru mingħand tal-ħanut iżda jixtru ħobża bħal ma kienu qed jagħmlu qabel.

Is-Segretarju qalet li dak il-ħin stess ċemplet u għarrfet lis-Sindku u qaltlu b'dak kollu dwar il-ħabsin li kien qiegħed jiġri.

L-għada filgħodu waqt li s-Segretarju kienet l-uffiċċju, it-tlett ħabsin akkumpanjati mill-Kunsillier Attard marru l-uffiċċju biex jikkonfrontaw lis-Segretarju. Tnejn minn dawn il-ħabsin, l-istess tnejn li kellmet il-ġurnata ta' qabel bdew jgħajjtu, jidgħu u jheddu lis-Segretarju biex ma terġax tmur tkellimhom hekk u qalu ukoll li pretendew li s-Segretarju tmur titlobhom skuża. Is-Segretarju qaltilhom li hi ma qaltilhom xejn għajr li staqsiethom jekk jafux x'inhuma jagħmlu għax huma mhu suppost ikellmu l-ħadd aħseb u ara jagħmlu affarijiet oħra. Bdew jgħajjtu ukoll u jgħidu lill-Kunsillier Attard li mhux billi tgħid is-Segretarju huma kienu se jibqgħu jixtru mingħand tal-ħanut dak li jridu.Qalu ukoll li jekk ma jagħmlux hekk lill-Kunsillier Attard qalulu biex iwassalhom lura il-ħabs.. Dawn bdew jgħajjtu ukoll li huma ma jiddejqux jgħidu li huma ħabsin, dan kollu sar ġewwa u barra il-bieb tal-Kunsill fil-preżenza ta' l-iskrivan Ruben Dimech u l-Kunsillier Attard.

Dak il-ħin stess, is-Segretarju ċemplet lis-Sindku biex tgħidlu x'kien qiegħed jiġri u qaltlu li tixtieq tgħamel laqgħa urġenti. Is-Sindku aċċetta u s-Segretarja ċemplet lill-Kunsillieri biex issir din il-laqgħa u dawn aċċetaw ukoll.

Is-Segretarju qalet li ma tistax taċċetta dan l-għaġir speċjalment minn-naħa tal-Kunsillier Attard għax dan qatt ma kellu jġib il-ħabsin l-uffiċċju tal-Kunsill aħseb u ara jakkumpanjhom u jħallihom jaġixxu hekk fil-preżenza tiegħu.

Għal dan il-Kunsillier Attard qal li ġie magħhom għax riedu jiġu u minħabba is-Segretarju. Għal dan is-Segretarju qaltlu li hu (il-Kunsillier Attard) ma tantx jipproteġiha għax kien hemm żmien meta hu stess mar jiġġieled u jidgħi magħha. Il-Kunsillier Attard qal li dak kien għamlu sena ilu.

Is-Segretarju qalet ukoll li l-Kunsillier Attard dejjem jigi l-Kunsill ma' min ikun se jikkonfronta s-Segretarju, qalet li dik il-ġurnata li seħħ dan kollu mal-ħabsin, il-Kunsillier Attard ġie ma' persuna li ma ingħatatx li tgħamel imwejjed f'post fil-pjazza għal festa ta' Santa Marija u meta is-Segretarju qaltlu li ma jistgħax din il-persuna bdiet tgħajjat u tgħid ser iċċempel fejn għanda ċċempel ħa tara x'hinu għaddej, u għal dan il-kliem il-Kunsillier Attard beda jaqbel ma din il-persuna u jgħidlha ċempel sewwa tgħamel ċempel fejn għandek iċċempel. Is-Segretarju qalet li dan mhux sewwa li l-Kunsillier Attard jaġixxi hekk dejjem kontra li jigi miftiehem il-Kunsill. Qalet ukoll li taf li l-Kunsillier Attard dejjem jgħid kontrieha mal-ħaddiema kollha u anke ma' xi nies barra l-Kunsill. Is-Segretarju qalet li dan mhux aċċettabbli għax hi tkun qed twettaq deċiżjonijiet tal-Kunsill meta tiddelega xi ordni.

Is-Segretarju qalet lill-Kunsill li hi mhux se taċċetta li jsiru aktar min dawn ix-xeni, qalet ukoll li jekk jerġa jigri xi ħaġa hekk hi se tagħlaq l-uffiċċju tal-Kunsill u tikkunsinna ċ-ċwievet lid-Dipartiment, hi titlob li tmur post iehor u l-Kunsill jara x'se jgħamel hu għax ma jistax ikun taħdem b'mod trankwill meta tħossha mhedda b'dan il-mod. Qalet li dan mhux għaġir li għandu jimxi Kunsillier. Il-Kunsillier Attard qatt ma nnega d-diskors kollu ta' hawn fuq li għamlet is-Segretarju, ħlief li qal li s-Segretarju marret darbtejn fuq il-lant tax-xoghol fejn kien hemm il-ħabsin.

Is-Segretarju qalet li hi għanda kull dritt tmur tara ix-xogħol li jkun qiegħed isir u fejn qiegħed jiġi użat il-materjal li qiegħed jinxtara. Hawnhekk is-Segretarju issuġġeriet li jiġi stabbilit l-ammont li jistgħu jonqfu l-ħabsin għall-ikel. Is-Sindku għamel proposta li jonfqu €12.

Il-Vici Sindku, s-Sur Abdilla, ukoll qal li s-Segretarju għanda dritt tmur x'ħin trid fuq xogħol li jkun qiegħed isir anzi għanda tmur biex tara x-xogħol. Kompla jgħid li s-Segretarju għandha hi u s-Sindku jaraw li kollox ikun miexi sew.

Il-Kunsillier Agius qalet lill-Kunsillier Attard li hu għandu jiġbed il-ħabel tal-Kunsill bħala Kunsillier.

Wara dan id-diskors, il-Kunsillier Picco qal li dan mhux sew, li l-ħaddiema kollha għandhom ċertu atteġġjament u ma għandhom l-ebda rispett għas-Segretarju. Qal ukoll li dawn jidrhu li għandhom ir-riħ mingħand xi ħadd. Qal li kif dejjem qal qabel ma jaqbilx mal-ħinijiet li dawn il-ħaddiema jaħdmu u jiġu biex jitilqu qisu għandhom id-dritt jitilqu x'ħin iridu.

Sar qbil li ssir laqgħa mal-ħaddiema kollha li huma assenjati mall-Kunsill.

**2. Suġġerimenti**

1. Is-Sindku qal li setgħu isiru suġġerimenti u qal li hemm il-ħtieġa li tinġieb kwotazzjoni għall-ħadid galvanizzat għal mar-rampa tal-ġnien. Il-Kunsill qabel.

2. Il-Kunsillier Attard qal li il-President tal-karozzi antiki jixtieq jagħmel wirja fil-pjazza tal-Knisja ta' Ħal Għaxaq nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Awwissu, 2010. Il-Kunsill qabel li din issir u tingħata tifkira lill-parteċipanti.

3. Il-Kunsillier Picco qal li s-Sur Twanny Vella jixtieq li l-Kunsill jgħinu f'applikazzjoni mal-MEPA biex isir monument ta' l-annimali. Wara diskussjoni ġie deċiż li l-Perit tal-Kunsill jiġi mistoqsi x'teħtieġ applikazzjoni bħal din.

4. Is-Segretarju talbet li ssir Addenda Nru 1. għal klawsula Nru 8 fit-Tender GhLC 8/10 minħabba l-garanzija tat-tender. Talbet il-Kunsill jispeċifika ammont li jibqa' validu sal-31 ta' Diċembru, 2010. Il-Kunsill qabel li l-ammont tal-garanzija ikun ta' €5,000.

**9. Aġġornament**

Is-Sindku fit-3.30pm aġġorna s-Seduta għal nhar il-Ħamis, 19 ta' Awwissu, 2010, fis-2.00pm.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

**Ikkonfermati:- Il-Ħamis, 19 ta' Awwissu, 2010, fis-2.00pm.**